



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2018/0202(COD)**

7.11.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)  
(COM(2018)0380 – C8-0231/2018 – 2018/0202(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Manuel dos Santos

PA\_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal Regolament Premessa 3a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3 a) Fl-14 ta' Marzu 2018 u fit-30 ta' Mejju 2018, il-Parlament Ewropew saħaq, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, fuq l-importanza ta' prinċipji orizzontali li għandhom jirfdu l-QFP 2021-2027 u l-politiki kollha relatati tal-Unjoni. Il-Parlament Ewropew irriafferma, f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tiegħu li l-Unjoni jeħtiġilha twettaq l-impenn tagħha li tkun minn ta' quddiem fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, u ddeplora l-fatt li l-proposti għall-QFP ma fihomx impenn ċar u viżibbli f'dak is-sens. Il-Parlament Ewropew, għaldaqstant, talab għall-integrazzjoni tal-SDGs fil-politiki u fl-inizjattivi kollha tal-Unjoni rigward il-QFP li jmiss. Huwa enfasizza wkoll li l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni hija vitali biex jiġu ssodisfati l-impenji tal-Unjoni għal Ewropa inklużiva u għaldaqstant talab sabiex l-impenji għall-integrazzjoni tal-ġeneri u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jsiru parti mill-politiki u l-inizjattivi kollha tal-Unjoni fl-ambitu tal-QFP li jmiss. Il-Parlament Ewropew issottolinja, fil-pożizzjoni tiegħu, li wara l-Ftehim ta' Pariġi l-infiq orizzontali relatat mal-klima għandu jiżdied b'mod sinifikanti meta mqabbel ma' dak fl-ambitu tal-QFP attwali u jilħaq 30 % mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-2027.*

## Emenda 2

### Proposta għal Regolament Premessa 13a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(13a) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u dwar ir-riżorsi proprji, il-Parlament Ewropew irrikonferma l-pożizzjoni soda tiegħu dwar il-livell meħtieġ ta' finanzjament għall-politiki ewlenin tal-Unjoni fil-QFP 2021-2027, sabiex dawn ikunu jistgħu jissodisfaw il-missjoni u l-oġettivi tagħhom. Huwa saħaq b'mod partikolari fuq is-sejħa biex jiġi rdoppjat il-finanzjament speċifiku tal-QFP għall-SMEs u sabiex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh; laqa' diversi proposti li jtejbud-dispożizzjonijiet attwali, b'mod partikolari l-allokazzjonijiet miżjuda tal-istrumenti speċjali; u sqarr li l-intenzjoni tiegħu li jinnegozja titjib addizzjonali kull fejn meħtieġ.*

## Emenda 3

### Proposta għal Regolament Premessa 18

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(18) Il-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet **jenħtiep** li jkollhom aċċess ugwali għall-FEG, ikun xi jkun it-tip ta' kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg tagħhom. Għalhekk, ħaddiema spostati kif ukoll il-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet jenħtieġ li jitqiesu bħala benefiċjarji tal-FEG possibbli għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(18) Il-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet **jenħtieġ** li jkollhom aċċess ugwali għall-FEG, ikun xi jkun it-tip ta' kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg tagħhom. Għalhekk, ħaddiema spostati kif ukoll il-persuni li jaħdmu għal rashom, **inklużi s-sidien/maniġers ta' mikrointrapriżi u ta' intrapriżi żgħar**, li l-attività tagħhom tkun waqfet jenħtieġ li jitqiesu bħala benefiċjarji tal-FEG possibbli għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 4

### Proposta għal Regolament

#### Premessa 22

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Biex il-benefiċjarji jiġu appoġġati b'mod effettiv u rapidu, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu hilitom kollha sabiex jissottomettu applikazzjonijiet kompluti għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG. F'każ li l-Kummissjoni titlob aktar informazzjoni għall-valutazzjoni ta' applikazzjoni, jenħtieġ li l-għoti tal-informazzjoni addizzjonali jkun limitat fiż-żmien.

##### *Emenda*

(22) Biex il-benefiċjarji jiġu appoġġati b'mod effettiv u rapidu, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu hilitom kollha sabiex jissottomettu applikazzjonijiet kompluti għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG. F'każ li l-Kummissjoni titlob aktar informazzjoni għall-valutazzjoni ta' applikazzjoni, jenħtieġ li l-għoti tal-informazzjoni addizzjonali jkun limitat fiż-żmien. ***Huwa importanti li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaħdmu flimkien mill-qrib sabiex jilhqqu l-iskadenzi għall-eżami tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif definit f'dan ir-Regolament.***

## Emenda 5

### Proposta għal Regolament

#### Premessa 27a (ġdida)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***(27 a) Sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu b'mod speċjali matul l-ewwel xhur ta' kull sena, fejn l-għażliet għal trasferimenti minn intestaturi tal-baġit oħra jkunu partikolarment limitati, jenħtieġ li jitqiegħed għad-dispożizzjoni ammont adegwat ta' approprjazzjonijiet ta' ħlas fl-intestatura tal-baġit tal-FEG fil-proċedura baġitarja annwali.***

## Emenda 6

### Proposta għal Regolament

#### Premessa 37

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

(37) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira ġenerali li 25 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE tappoġġa l-oġġettivi tal-klima. Matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-fond, se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni tiegħu.

(37) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira ġenerali li 25 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE tappoġġa l-oġġettivi tal-klima **matul il-perjodu tal-QFP 2021-2027, u mira annwali ta' 30 % malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2027**. Matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-fond, se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni tiegħu.

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-QFP li jmiss: Thejġija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020 (2017/2052(INI)) talbet mira ta' 30 % min-nefġiet tal-baġit tal-UE li jappoġġja l-ksib tal-oġġettivi klimatiċi malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2027.*

### **Emenda 7**

#### **Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-oġġettiv ġenerali tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, imsemmija fl-Artikolu 5, u joffrilhom appoġġ.

##### *Emenda*

1. L-oġġettiv ġenerali tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, imsemmija fl-Artikolu 5, u joffrilhom appoġġ **finanzjarju għal miżuri għall-impjieg mill-ġdid**.

### **Emenda 8**

#### **Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 2**

2. L-objettiv speċifiku tal-FEG huwa li joffri assistenza f'avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, partikolarment dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, tilwim kummerċjali, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni. Għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-gruppi l-aktar żvantaġġati.

2. L-objettiv speċifiku tal-FEG huwa li joffri assistenza **għar-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol** f'avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, partikolarment dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, tilwim kummerċjali, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni. Għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-gruppi l-aktar żvantaġġati.

## **Emenda 9**

### **Proposta għal Regolament Artikolu 10 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għandha tkun limitata għal dak li huwa neċessarju biex tipprovdi appoġġ ta' darba, b'mod temporanju, **għall-benefiċjarji** speċifikati. Il-miżuri appoġġati mill-FEG għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali, inklużi r-regoli dwar għajjnuna mill-Istat.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għandha tkun limitata għal dak li huwa neċessarju biex **tintwera solidarjetà, u** tipprovdi appoġġ ta' darba, b'mod temporanju, **lill-benefiċjarji** speċifikati. Il-miżuri appoġġati mill-FEG għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali, inklużi r-regoli dwar għajjnuna mill-Istat.

## **Emenda 10**

### **Proposta għal Regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw **il-viżibbiltà** tal-finanzjament tal-Unjoni billi jipprovdu informazzjoni koerenti, effettiva u mmirata lil udjenzi multipli, inklużi informazzjoni mmirata lill-benefiċjarji, l-awtoritajiet

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw **il-viżibbiltà** tal-finanzjament tal-Unjoni billi jipprovdu informazzjoni koerenti, effettiva u mmirata lil udjenzi multipli, inklużi informazzjoni mmirata lill-benefiċjarji, l-awtoritajiet

lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, il-midja u l-pubbliku.

lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, il-midja u l-pubbliku. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir enfasi fuq il-valur miżjud tal-Unjoni fuq il-finanzjament u għandhom jassistu l-isforzi tal-Kummissjoni għall-ġbir tad-data sabiex tissaħħaħ it-trasparenza baġitarja.***

## Emenda 11

### Proposta għal Regolament Artikolu 13 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm preżenza online u taġġornaha regolament, li tkun aċċessibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, biex tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-FEG, gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda u dwar ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-proċedura baġitarja.

#### *Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm preżenza online u taġġornaha regolament ***b'mod faċli għall-utent***, li tkun aċċessibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, biex tipprovdi informazzjoni aġġornata ***u data tal-implimentazzjoni*** dwar l-FEG ***sa mill-bidu tiegħu***, gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda u dwar ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-proċedura baġitarja.

## Emenda 12

### Proposta għal Regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fejn il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ikunu ġew issodisfati, din għandha tissottometti ***talba*** għal trasferiment lejn il-linji baġitarji rilevanti skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.

#### *Emenda*

1. Fejn il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ikunu ġew issodisfati, din għandha tissottometti ***proposta biex timmobilizzaha. Id-deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG għandha tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata u l-***



**Parlament Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu u tlieta minn kull ħamsa tal-voti mitfugħa.**

**Fl-istess waqt li tippreżenta l-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment lejn il-linji baġitarji rilevanti. *Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, għandha tinbeda proċedura ta' trilogu.***

**It-trasferimenti relatati mal-FEG għandhom isiru skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.**

### Emenda 13

#### Proposta għal Regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

**2. It-talba ta' trasferiment jehrieg li tkun akkumpanjata minn sommarju tal-eżaminazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikazzjoni.**

*Emenda*

**imħassar**

### Emenda 14

#### Proposta għal Regolament Artikolu 16 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

**3. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha *l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Din id-deċiżjoni għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament fit-tifsira tal-Artikolu 110***

*Emenda*

**3. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha *l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG.***

**Emenda 15**

**Proposta għal Regolament  
Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3 a. Proposta għal Deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG skont il-paragrafu 1 għandha tinkludi dan li ġej:**

**(a) valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9(4), flimkien ma' sommarju tal-informazzjoni li fuqha hija bbażata dik il-valutazzjoni;**

**(b) evidenza li l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 5 u 10 jkunu ġew ssodisfati; u**

**(c) raġunijiet li jiġġustifikaw l-ammonti proposti.**

## PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)
<b>Referenzi</b>	COM(2018)0380 – C8-0231/2018 – 2018/0202(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 11.6.2018
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 11.6.2018
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Manuel dos Santos 28.6.2018
<b>Eżami fil-kumitat</b>	29.8.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	5.11.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 –: 3 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean Arthuis, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karine Gloanec Maurin, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Andrey Novakov
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Michael Detjen

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>24</b>	<b>+</b>
ALDE	Jean Arthuis, Gérard Deprez
ECR	Zbigniew Kuźmiuk
PPE	Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Inese Vaidere
S&D	Michael Detjen, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Karine Gloanec Maurin, Vladimír Maňka, Isabelle Thomas, Daniele Viotti, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Indrek Tarand

<b>3</b>	<b>-</b>
ECR	Bernd Kölmel
ENF	André Elissen
NI	Eleftherios Synadinos

<b>1</b>	<b>0</b>
ENF	Marco Zanni

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni